# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Tnejn, 20 ta' Mejju, 2002**

**Numru   9**

**Avviz.  Numru  845/99mm**

**Design Elements Ltd**

**vs**

**B. A. Com Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz upprezentat mis-socjeta' attrici fit-8 ta' Gunju, 1999, fejn talbet  lil din il-Qorti illi tikkundanna lis-sojeta' konvenuta sabiex thallas il-bilanc ta' erba' mija u wiehed lira Maltin (Lm401.00) rapprezentanti merkanzija ordnata mis-socjeta' konvenuta u kkonsenjata, liema bilanc ghadu dovut minkejja li s-socjeta' konvenuta kienet interpellata diversi drabi.

Bl-ispejjez u l-imghax legali kontra l-konvenut in subizzjoni u bl-ispejjez tal-Mandat ta' Kawtelatorju numru 1218/99 ipprezentat kontestwalment ma' l-Avviz.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici, peress illi, fil-kors tas-servizz minnha rez, l-istess socjeta' attrici rrekat danni lill-eccipjenti konsistenti f'telf ta' bandiera u banners, liema danni jifformaw il-mertu ta' kontro-talba pprezenzjalment imressqa mill-eccipjenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta fejn:

Is-socjeta' rikonvenuta Design Elements Limited hija mitluba illi tghid ghaliex m'ghandhiex tigi kkundannata illi, prevja dikjarazzjoni ta' responsabilita' skond il-Ligi, thallas lis-socjeta' rikonvenjenti BaCom Limited l-ammont rapprezentanti d-dannu sofferti mill-istess socjeta' rikonvenjenti bhala rizultat tat-telf ta' bandiera u banners lilha fdati fil-kors tal-manifestazzjoni *de quo*, li jigi likwidat minn dina l-Qorti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' rikonvenuta, li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ghall-finijiet ta' kompetenza jigi dikjarat li l-ammont ma jeccedix it-tliet mija u hamsin lira Maltin (Lm350.00).

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' Design Elements Limited ghal kontro-talba tas-socjeta' B.A. Com Limited fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet tas-socjeta' B.A. Com Limited huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda minn din l-Onorabbli Qorti stante illi s-socjeta' esponenti ma kellha l-ebda responsabbilita' ghal bandiera u banners in kwistjoni, liema bandiera u banners ma gewx fdati lilha.

2. Illi s-socjeta' esponenti ma kkagunatx danni lis-socjeta' B.A. Com Limited.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' B.A. Com Limited li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi s-socjeta' konvenuta organizzat *festival* fit-Trade Fair grounds tan-Naxxar. Ghal dan il-*festiva*l kienet ikkummissjonat lis-socjeta' attrici tibnilha *stand u back stage.*.

Dan ix-xoghol sar.

Jidher illi nqala' disgwid bejn il-partijiet meta s-socjeta' attrici tablet il-hlas ghal dan ix-xoghol li wettqet.

Is-socjeta' konvenuta qeda tghid illi hija kellha xi *banners* jew *streamers* ta' l-i*sponsors* taghha illi gew nieqsa wara l-avveniment. Ghal dan in-nuqqas qeda timputa xi negligenza jew traskuragni da parti tas-socjeta' attrici.

Joseph Micallef, direttur tas-socjeta' attrici xehed illi huwa gie mqabbad mis-socjeta' konvenuta sabiex jibni dan l-i*stand* ghall-avveniment illi kienet qed torganizza s-socjeta' konvenuta. Dan l-i*stand* sar u jiftakar illi kienu gew xi tfajliet Russi jwahhlu xi reklami ta' l-i*sponsors* taghhom. Wara l-avveniment, kif kien miftiehem, is-socjeta' attrici zarmat l-i*stage* u poggietu fl-imhazen taghha.

Wara li Joseph Micallef sar jaf bl-ilment, staqsa lill-haddiema tieghu jekk dawna rawx xi bandieri jew inkella *streamers* ta' xi *sponsors*. Izda dawn ma raw xejn u zgur illi xejn ma dahal fl-imhazen tieghu. Hadd mis-socjeta' konvenuta ma kien prezenti meta kien qed jigi zarmat dan l-i*stage*.

Vladimir Molokov, direttur tas-socjeta' konvenuta xehed illi huwa minnu illi huwa kien qabbad lis-socjeta' attrici sabiex tibnilu *stage* ghal dan l-avveniment. Kien huwa personalment illi ha l-bnadar u *streamers* ta' l-i*sponsors* illi kienu qeghdin jghinuh. Bandiera minnhom ta' l-Advanced Telecoms Systems kienet tiswa xi hamsa u sebghin lira Maltin (Lm75.00) u l-ispiza totali ta' l-*advertising material* illi gie nieqes kien bejn wiehed u iehor tliet mitt lira Maltin (Lm300.00).

Charles Agius in rapprezentanza ta' l-Advanced Telecom Systems xehed illi din il-bandiera kienet ilha fil-pussess tas-socjeta' tieghu ghal tlettax-il sena u kienet tiswa xi hamsin lira Maltin (Lm50.00). Huwa qatt ma ha xi passi kontra s-socjeta' konvenuta pero' baqa' jinsisti illi dina tigi ritornata.

Fil-fatt Vladimir Molokov qal illi hadd mill-i*sponsors* qatt ma ha xi mizuri fil-konfront tieghu jew kontra s-socjeta' minnu rapprezentata ghan-nuqqas ta' dawn il-bnadar jew *streamers*. Jghid fost affarijiet ohra illi huwa jaf bi *statrement* a Fol 19 tal-process, izda rrifjuta illi jhallas sakemm jigu ritornati dawn il-bnadar jew *streamers*.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti jidhrilha illi mhuiex kontestat bejn il-partijiet illi s-socjeta' attrici wettqet ix-xoghol minnha kummissjonat biex tarma *stage* ghal dan l-avveniment organizzat mis-socjeta' konvenuta. Parti mid-doveri taghha kien jikkonsisti wkoll fiz-zarmar ta' dan l-i*stage* wara l-avveniment u jiehduh fl-imhazen

taghhom.  Dan ix-xoghol twettaq u ta' dan is-socjeta' attrici harget il-kont a Fol 19 tal-process.

Is-socjeta' konvenuta pero', qeda tghid illi waqt dan l-avveniment jew wara, kien hemm xi *promotional material* ta' l-i*sponsors* taghha illi gie nieqes.

Biex is-socjeta' konvenuta jkollha ragun f'din l-allegazzjoni trid tipprova illi dan in-nuqqas sar tort ta' traskuragni jew negligenza da parti tas-socjeta' attrici.  Minn imkien ma jirrizulta illi s-socjeta' attrici kellha tkun responsabbli ghal dawn il-*banners* jew *streamers* illi pprovdiet is-socjeta' konvenuta.

Il-kompitu tas-socjeta' attrici kien biss illi tarma u izzarma l-i*stand* ghal dan l-avveniment.  Ix-xoghol twettaq u qeda tippretendi l-hlas.

Il-kwistjoni ta' l-i*streamers* hija kompletament differenti mix-xoghol illi gie mwettaq mis-socjeta' attrici.  Veru illi kien hemm dawn il-bnadar u *streamers* illi ghal xi raguni jew ohra gew *mislaid* wara l-avveniment.  Izda l-Qorti ma tistax tara kif dan in-nuqqas ghandu jigi mitfuh wara bieb is-socjeta' attrici.  Jekk Vladimir Molokov ha personalment dawn il-bnadar, imissu ha l-briga illi huwa personalment jerga' johodhom lura.

Kif xehed Joseph Micallef, hadd mis-socjeta' konvenuta ma kien prezenti meta kien qed jigi zarmat l-i*stage*.  Allura jekk Molokov kellu xi nteress illi jiehu hsieb dawn il-bnadar u *streamers*, dan imissu jaghmlu tul l-avveniment u anki wara u mhux jippretendi

li r-responsabbilta jitfaghha fuq haddiehor meta dan ta' l-ahhar ma kienx tenut jerfa din ir-responsabbilta. Jekk s-Sur Molokov ha bnadar jew *streamers* allura bhala "bonus pater familias," kellu jassikura illi dawna jirritornaw. In-nuqqas huwa tieghu u mhux tas-socjeta' attrici u ma jistax jippretendi li ghal dan in-nuqqas jiehu vantagg, kif jghallem id-dritt Ruman, "Nullus commodum capere potest de inguria sua propria."

L-i*sponsors* kienu avdaw lis-socjeta' konvenuta bil-propjeta' taghhom u dina min-naha taghha jmissa hadet hsieb din il-propjeta' bhalli kieku kienet taghha. Dana kien ifisser illi jkun hemm sorveljanza jew alemnu nteress li jaraw illi din il-propjeta' tinghata lura lil min kien ikkonsenjahilha. Dan l-interess kien jinvolvi fost affarijiet ohra l-prezenza tas-socjeta' konvenuta fi tmiem l-avveniment biex tassikura li l-i*sponsors* jiehdu lura l-propjeta' taghhom. Din l-assikurazzjoni messet eslkussivament lis-socjeta' konvenuta u mhux lis-socjeta' attrici. Quindi jekk hemm xi nuqqas, kif inghad dan huwa dovut lis-socjeta' konvenuta u lil hadd aktar.

Ghal dawn il-motivi:

L-Qorti filwaqt illi tichad il-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta, tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta illi thallasha l-ammont ta' erba' mitt lira Maltin u wahda (Lm401.00) rapprezentanti merkanzija minnha ordnata u kkonsenjata liema bilanc ghadu dovut minkejja illi s-socjeta' konvenuta kienet interpellata diversi drabi biex thallas.

Bl-ispejjez u l-imghax legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz kontra s-socjeta' konvenuta.

Anthony Zammit

Deputat Registratur